# TRIBUNAL INDUSTRIJALI

# DECIZJONI NRU. 978

KAZ NRU. 1266

Fil-Kwistjoni tax-Xoghol

bejn

Kurt Chetcuti Bonavita

u

Freeport Terminal (Malta) p.l.c.

dwar tkeccija mill-impjieg allegata li hi ngusta

Data : 6 ta' Novembru, 1998

**Chairman : Is-Sur Carmel Debono**

Din il-kwistjoni tax-xoghol giet riferita lit-Tribunal Industrijali mill-Onor. Ministru tal-Harsien Socjali permezz ta' ittra datata 27 ta' Lulju, 1998 Ref. MHS/T1/61/98 biex tigi processata skond Artiklu 28(2) tal-Att XXX dwar Relazzjonijiet Industrijali Kap. 266.

L-appellant, Kurt Chetcuti Bonavita kien assistit mill-avukat Melvyn Mifsud waqt li ghall-Freeport Terminal (Malta) p.l.c. kienet rapprezentata mis-sur Frank Azzopardi assistit mill-avukat Richard Camilleri LL.D.

It-Tribunal zamm tlett (3) seduti.

Peress li l-*istatement of case* ta' l-appellant ma kienx wasal ghand l-Ass. Segretarju tat-Tribunal sad-data miftehma wara l-ewwel seduta cioe' 14 ta' Settembru, 1998 u peress li kemm l-appellant kif ukoll l-avukat tieghu naqsu li jidhru fit-tieni seduta, u naqsu li jipprezentaw l-*istatement of case*, it-Tribunal aggorna s-smigh tal-kaz ghat-13 t'Ottubru, 1998.

Fil-verbal tieghu moghti fit-tieni seduta, t-Tribunal iddikjara li f'kaz li l-parti appellanti tonqos li tidher u ma tipprezentax l-*istatement of case*, t-Tribunal jiddeciedi fuq dak li jkollu quddiemu.

Ghall-darba ohra l-appellant u l-avukat tieghu naqsu li jidhru u naqsu wkoll li jipprezentaw l-*istatement of case* fit-tielet seduta mizmuma fit-13 t'Ottubru 1998, kif kienu debitament mgharrfa li kellhom jaghmlu.

**DECIZJONI**

Fic-cirkostanzi, wara li t-Tribunal Industrijali ra u ezamina l-*istatement of case* tal-parti appellata cioe' il-Freeport Terminal (Malta) p.l.c. kif ukoll id-dokumenti annessi, konfermati bil-gurament mir-rapprezentant tal-kumpanija dejjem fid-dawl tal-verbal tieghu fit-tieni seduta mizmuma fit-28 ta' Settembru, 1998, it-Tribunal isib li t-terminazzjoni ta' l-

impjieg ta' l-appellant Kurt Chetcuti Bonavita minn mal-kumpanija Freeport Terminal (Malta) p.l.c. kienet ghall-raguni tajba u sufficjenti skond il-Ligi.

B'hekk tintemm din il-kwistjoni tax-xoghol.

-------------------
**Carmel Debono**
**CHAIRMAN**

--------------------
**Edwin Spiteri**
**A/SEGRETARJU**

mrg